MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2001

Avviz Numru. 367/2001/1

**Avviz Nru:- 367/01**

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Raymond Ciantar u Victoria konjugi Ciantar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti sabiex dawn ihallsu s-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata, bhala s-somma komplessiva dovuta bhala 'leasing charge' fuq il-bqija tal-perjodu tal-istess kuntratt, b'effett mid-data tax-xoljiment;

Prevja dikjarazzjoni illi, minhabba inadempjenza kuntrattwali imputabbli lill-konvenuti, l-kuntratt ta' 'leasing ta' airconditioning unit', iffirmat fit-30 ta' April 1997

(Dokument A) gie xolt fis-16 ta' Ottubru 2000, jew fin-nuqqas dina l-Qorti tordna x-xoljiment immedjat tal-istess kuntratti;

U li l-konvenuti jigu kkundannati wkoll illi jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erbghin liri Maltin (Lm440), jew somma ohra verjuri illi tigi likwidata minn din l-Qorti, bhala arretrati ta' 'leasing charge' li l-konvenuti kienu tenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici skond klawsola numru tnejn (2) tal-kuntratt imsemmi sad-data tax-xoljiment tal-istess kuntratt;

U prevja dikjarazzjoni illi, b'rizultat tax-xoljiment tal-imsemmi kuntratt, il-konvenuti huma tenuti wkoll li jhallsu lis-socjeta' attrici, a tenur tal-klawsola tnax (12) tal-kuntratt, somma ekwivalenti ghall-'leasing charge' kumplessiva u kalkolata fuq il-bqija tal-perjodu tal-istess kuntratt, wara d-data tax-xoljiment.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu tas-sena 2001 u tal-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru pprezentat flimkien ma l-avviz, u bl-imghaxijiet legali b'effett mis-16 ta' Ottubru tas-sena 2000 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti Raymond u Victoria konjugi Ciantar debitament notifikati, la dehru biex jikkontestaw it-talba attrici, u lanqas ma dehru fis-seduta tallum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant, it-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma u ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tiddikjara u illi minhabba inadempjenza kuntrattwali imputabbli lill-konvenuti, il-kuntratt ta' 'leasing ta' airconditioning unit' iffirmat fit-30 ta' April tal-1997, gie xolt fis-16 ta' Ottubru 2000, u;

Konsegwentement, il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erbghin liri Maltin (Lm440), bhala arretrati ta' 'leasing charge' li l-konvenuti kienu tenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici skond il-klawsola tnejn (2) tal-kuntratt imsemmi sad-data tax-xoljiment tal-istess kuntratt.

In oltre, il-Qorti qeghda tiddikjara illi b'rizultat ta' dan ix-xoljiment, il-konvenuti huma tenuti wkoll ihallsu lis-socjeta' attrici a tenur tal-klawsola numru tnax (12) tal-kuntratt, somma ekwivalenti ghall-'leasing charge' kumplessiva u kkalkolata fuq il-bqija tal-perjodu tal-istess kuntratt, wara d-data tax-xoljiment, u;

Ghalhekk qeghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu wkoll lis-socjeta' attrici, s-somma ta' mitejn u ghoxrin lira maltin (Lm220), bhala somma kumplessiva dovuta bhala 'leasing charge' fuq il-bqija tal-perjodu tal-istess kuntratt, b'effett mid-data tal-istess xoljiment;

In oltre, tikkundanna l-istess konvenuti sabiex ihallsu l-imghaxijiet legali fuq is-somma kumplessiva ta' sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660), b'effett mis-16 ta' Ottubru tas-sena 2000, u;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------